# EPIGRAMMI

*Ta'* PAWLU CACHIA

### Il-Wikkiel

Il-wikkiel qajla jagħder lill-ġewħana,
jaħseb li żaqqhom tpappi wkoll xebgħana.

### It-Tallab

Xwejjaħ imċerċer jittallab, iħabbat
biex jiġbor nitfa ħobż jew wens il-ħniena,
bibien jitbexxqu, "Alla jgħinek ħija",
jingħalqu dlonk mill-ġdid, "Imma mhux jiena".

### Midinbin

F'did-dinja lkoll aħna midinbin,
u dak li jrid jaħseb mod ieħor
ruħu jista' jgħodd mal-giddibin.

### In-Nuċċali

Żeppi l-magħkus mhux f'dinja bla nuċċali,
dejjem fil-but arah hemm lest iżommu,
u tistagħġeb bih jorqod fil-għaxija
sabiex b'min joħlom bla tlaqliq ixommu!

### Mix-Xħiħ għax-Xħiħ

Bata, bil-għajja nqered ħesrem f'ħajtu
biex qligħ is-sold fil-moħba jwarrbu mrekken,
'mma wisq bi tqila jarawha l-werrieta
biex jonfqu ħabba meta jkun imdeffen.

### Id-Daħk

Sfieqi jidher id-daħk imfaqqa' kuljum,
iżda ferħ il-qalb mhu qatt fis-sliem mitmum.

### Kwiet u Ġenn

Min jixtieq kwiet is-sabar,
ma jsibu mkien;
min ma jridx ġenn il-ħajja,
hu kullimkien.

## Epitaffju Għal Ruħ Tajba

F'dil-ħamrija jinsab fdal il-għadam
ta' min xtaq tassew, iżda le miet,
għaliex ħsiebu kien jimraħ fil-ħajja
li issa qed igawdi fis-smewwiet.

## Lill-Għażżien

Fil-kliem għal kollox tajjeb,
fix-xogħol, xejn ma jinqala'.